Minuti tal-Laqgħa Nru44 (Erba' u Erbgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali  nhar it-Tnejn, 16ta' Jannar, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

1.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet 5.35pm
Is-Sur Joseph Azzopardi daħal għal-laqgħa fil-5.40pm

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati

2.2 Korrezzjonijiet:
Minuta 7 – Is-Sinjura  Borg qalet li kellu jitniżżel li tirrifjuta l-inviti minħabba li taħdem għax-Xgħajra kollha.

Minuta 6.4 – Is-Sinjura Borg staqsiet x'sar  minnha ?

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda –  Komunikazzjoni mis-Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.1 SSTP - Is-Sindku qal li x-xogħlijiet fuq il-landscaping ser jibdew fl-ewwel u t-tieni ġimgħa ta' Frar skond kif qalulna mill-impjant.

3.2 Promenade – Is-Sur Valvo qal li d-dawl tax-xatt ser jinbidel kollu minn Smart City sa ħdejn il Milord. Dan ix-xogħol ser jibda fl-ewwel ġimgħa ta' Frar.

3.3 Proġett Sports Complex u Multipurpose Hall – Is-Sur Valvo qal li l-flus irċevejnihom u issa saru amendi fil-pjanti minħabba li nbidel ix-*shape* tal-*holding wall* u r-rampa. Kellna niltaqgħu mal-perit biex niddiskutu l-mistoqsijiet li għandna skont il-kontijiet li għandna mħallsin u x'jonqos.

Il-laqgħa ġiet posposta għal data oħra u l-kunsilliera ser ikunu preżenti.

Għalhekk irridu mill-Perit fuq xi jmiss u x'jonqos.

Ix-xogħol tar-rampa suppost irid isir mil-Gvern. TM talbu *cross design* lil Perit minħabba l-*alterations* f' ACAD format. Pero' dawn għadhom ma ntbagħtux lil TM.

Meta jiġi l-perit irridu nsaqsuh fuq x'qed jiġri u x'ħa jiġri.

Is-Sindku qal li d-dawl tal-bandli ser niddiskutuh ukoll fil-laqgħa mal-Perit. Il-Kunsill qabel li nibdew il-proċeduri biex napplikaw għal dawl temporanju mal-Enemalta.

Is-Sindku qal li skond il-parir tal-Perit quddiem il-hall ma jidħlux 2 tennis courts għalhekk ser inżommu Basket Ball court.

3.4 Proġett tan-Nursery – Is-Sur Valvo qal li proġett ieħor li ser jibda fix-xahrejn, tlieta li ġejjin huwa in-nursery li ser isir binja bi *ground floor u first floor*. Magħha ser ikun hemm ukoll training pitch bit turf u flood lights. Hemm kwistjoni għad jekk isirx bir kbir jew inkella store.

3.5 GAL Xlokk – Il-Kunsill ser iħallas il-pagament tal-membership sa' l-aħħar tax-xahar.

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.1 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet fuq ir-railing f'Dawret ix-Xatt jekk nagħmlu pressjoni fuq il-Public Works biex ikompli jinbidel. Għalhekk sar qbil li tintbgħat email lid-Direttur Generali biex nagħmlu t-talba.

Is-Sinjura Borg kompliet u qalet jekk ir-railing tat-taraġ li jwasslek għal fuq il-blat jistax isir b'netting minħabba li jistgħu jaqgħu xi tfal.

4.2 Is-Sur Neil Attard staqsa jekk nistgħux bħala Kunsill napplikaw għal Un/loading bay quddiem il-Corner Store. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni pero' trid issir l-applikazzjoni ma' Transport Malta.

5. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti ġew approvati b'astenzjoni minn Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Ilementi fuq ġbir ta' skart – Saru diversi lmenti fuq il-kollettur li ġieli kien hemm każi li qabeż xi toroq.

Apparti hekk il-Kunsill qabel li jitnaqqsu l-flus tal-ispejjeż li saru fuq il-karozza tas-Sur Jesmond Tabone. Dan il-każ gara wara li l-iskip kienet mingħajr brake u għamlet ħsara mal-karozza tas-Sur Tabone.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Is-Sinjura Antonia Buttigieg qalet li l-ħarġa kulturali li jmiss ser issir nhar il-25 ta' Jannar u sejrin il- Millenium Chapel u Hotel Vivaldi.

7.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill tax-Xgħajra ġie mistieden mill-Kunsill ta' Demir Kapija mill-Macedonia sabiex nattendu għal żjara fil-Macedonia. Is-Sindku qal li għandna 8 postijiet a disposizzjoni tagħna u għalhekk min hu nteressat jikkonfermalna.
Sar qbil li l-Kunsill ma jkunx involut fi spejjeż apparti l-apprezzament li nieħdu magħna f' mementos. Għalhekk kull min ser jitla' jrid iħallas il-passaġġ tal-ajru u xi spejjeż oħra ta' trasport. Id-dati huma bejn il-11 u l-14 ta' Frar.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Performance Bonus tal-Ħaddiema

8.1 Is-Sindku ppreżenta l-performance Appraisal tal-ħaddiema tal-uffiċċju u rrakomanda li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* kollu ta' 10%.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier is-Sur Joseph Azzopardi u approvata b'mod unanimu mil-Kunsill.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Laqgħa Annwali

9.1 Laqgħa Annwali – Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali issir nhar il-gimgha 3 ta' Marzu.

10. Item Nru. 10 fuq l-Aġenda - Aġġornament

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40pm

Aġġornament għat-Tnejn, 27ta' Frar, 2017 fil-5.30pm

| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt